# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Mejju 2000**

**Numru 64**

**Citaz. numru 143/89 DS**

John Grech
vs
Lawrence Ciantar bhala
Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess,
Francis Grech, Carmel Grech,
Carmel sive Karl Buttigieg

Illum, 5 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Frar 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

fit-12 ta' Marzu 1988 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (9.00 pm) l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Opel numru tar-registrazzjoni B-3754, f'Birkirkara Road, San Gwann, baqa' diehel fuq gebel u tifrik iehor li kien jinsab fl-istess triq, bil-konsegwenza li l-vettura tal-attur garrbet hsara fil-parti ta' quddiem tant li l-istess attur kien kostrett ihalli l-karrozza tieghu vicin il-lok tal-incident li din ma setghetx tinstaq:

sakemm l-attur mar igib l-assistenza mehtiega u reggha rritorna fuq il-lok tal-incident sab li kien sehh incident iehor li fih vettura tal-marka Renault 4 registrazzjoni numru R-4442 propjeta' ta' Isabelle Buttigieg izda misjuqa minn zewgha Carmel Buttigieg baqghet diehla fuq il-gebel u tifrik li kien thalla fl-istess lok f'Birkirkara Road, San Gwann, imqalbet u baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura Opel numru B-3754 propjeta tal-attur.

ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur kien responsabbli il-konvenut Lawrence Ciantar nomine u/jew Francis Grech u/jew Carmel Grech a kawza ta' negligenza, imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti u tal-ligi u dan stante li kienu qeghdin jikkonducu xogholijiet minghajr sinjal jew avviz adegwat ta' tali xogholijiet anke lit-traffiku u/jew tal-konvenut Carmel Buttigieg minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u teddeciedi li ghad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-incident awtomobbilistiku tat-12 ta' Marzu 1988 fid-9.00 ta' filghaxija kienu responsabbli il-konvenut Lawrence Ciantar nomine u/jew Francis Grech u jew Carmel Grech a kawza ta' negligenza, imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti u tal-ligi u dan stante li kienu qeghdin jikkonducu xogholijiet fil-lok tal-incident minghajr sinjal jew avviz adegwat ta' l-istess xogholijiet anke lit-traffiku u/jew tal-konvenut Carmel Buttigieg minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-imsemmi incident okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jew solidament jew mod iehor jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attur is-somma likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, nkluzi tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 1988 u bl-imghaxijiet legali min-notifika tal-istess ittra ufficjali li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis Grech u Carmel Grech fejn qalu:

1. Illi kwantu t-talbiet attrici huma diretti kontra l-eccipjenti, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante, li mhux minnu li huma kienu negligenti, traskurati jew b'xi mod iehor ikkommettew xi nuqqas fil-kondizzjoni tax-xogholijiet li kienu qed jaghmlu fuq il-lok fejn gara l-incident;

2. Illi bla pregudizzju u fi kwelunkwe kaz, l-eccipjenti qatt ma jistghu jinzammu responsabbli tad-danni kkagunati fil-karrozza tal-attur mill-vettura misjuqa mill-konvenut Carmel Buttigieg.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Ciantar nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex kompetenza tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici "rationae materiae";

2. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kwantu rivolti kontra tieghu fil-kwalita' premessa huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li l-eccipjenti nomine bl-ebda mod ma jahti ghall-incident mertu tal-kaz;

3. Illi, subordinatament, u bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti nomine ezercita d-diligenza kollha mehtiega u ha l-mizuri kollha spettanti minnu bil-ligi, kif ghandu jigi pruvat waqt it-trattazzjoni;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniiet tal-konvenut Carmel sive Karl Buttigieg fejn qal:

1. Illi hu mhux responsabbli ghal kwelunkwe danni allegatament sofferti mill-attur w ghalhekk it-talbiet attrici, fil-konfront tieghu, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilu kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta' Frar 1990 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Gotthard Gauci bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-3 ta' Settembru 1990 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali gie sostitwit bl-Avukat Dottor Philip Manduca;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-fattispecie tal-kaz huma pjuttost cari. Il-Korporazzjoni Enemalta kienet inkarigat lill-konvenuti Francis u Carmel Grech biex ihaffru trinka gos-"centre strip" bejn B'Kara Road, San Gwann u s-"service road" li hemm tahtha. Meta tlestiet it-trinka, thallew xi munzelli terrapien fit-triq. Ghall-habta tad-9.00 p.m. tat-12 ta' Marzu 1988 l-attur kien

ghaddej isuq il-karrozza tieghu B-7354 meta habat ma' gebla li kien hemm fit-triq. Minhabba l-hsara rizultanti ma setax ikompli jsuqha u bl-ghajnuna ta' xi hbieb ressaqha mal-genb sakemm mar icempel ghall-ghajnuna. Waqt li ma kienx fuq il-post, ghadda l-konvenut Carmel Buttigieg isuq il-karrozza R-4442 li baqa' tiela' fuq it-terrapien li kien hemm fit-triq, inqaleb u l-karrozza tkaxkret ghal fuq il-karrozza ta' l-attur u ghamlitilha aktar hsara.

L-attur xehed li qabel l-incident kien ghaddej wara karrozza ohra li f'daqqa wahda swervjat lejn il-lemin u appena dik il-karrozza kisret, ra gebla kbira faccata tieghu izda ghalkemm ghafas il-brake, huwa kien vicin wisq u ma lehaqx waqaf b'rizultat li l-karrozza tieghu rikbet il-gebla u tghawweg il-bar ta' l-isteering system. Qabel l-incident id-dawl tal-karroza tieghu kien mixghul. Ma kien hemm l-ebda sinjal fit-triq biex jaghti preavviz lis-sewwieqa dwar it-terrapien.

Il-konvenut ikkonferma li hu u niezel B'Kara Road kien hemm munzel terrapien bla dawl, baqa' tiela' fuqu, inqaleb u l-karrozza tkaxkret ghal fuq il-karrozza tal-konvenut li kienet wieqfa. It-triq dritta u kellu vizwali fit-tul izda ra l-munzel meta kien biss xi zewg metri boghod minnu peress li ma kienx hemm barrier u dawl u l-materjal kien skur. Huwa qal li l-karrozza ta' l-attur kienet wieqfa 'l barra mit-trinka f'nofs it-triq.

Il-konvenuti Grech sostnew li meta lestew ix-xoghol huma hallew tank mizbugh iswed bi strixxi bojod u fanal tal-pitrolju mixghul marbut mieghu. Fil-fatt wara l-incidenti in kwistjoni dawn instabu taht it-triq fuq in-naha tax-xellug.

John Gafa ghall-Korporazzjoni Enemalta stqarr li "street lighting" kien hemm fil-post. Mill-iskizz tal-Pulizija jidher li l-arblu l-aktar vicin kien fuq in-naha opposta tat-triq 16.6 metri boghod mill-ewwel munzell li kien 3.4 metri 'l barra mill-bankina ossia "centre strip".

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jikkwota lil Charlesworth "On Negligence" li josserva dwar ostakolu fi triq pubbliku:

*"If a highway is obstructed as, for example, by placing a pole across it, a person who is injured without negligence on*

*his part in consequence of the obstruction, can recover. So where a post was put in the middle of a footpath to prevent cattle from strayiing, it was held that a person who, in the dark, collided with the post could recover from the local authority which erected it. If a heap of rubbish is lwafully left in the highway, for example, during road repairs, but negligently left unguarded and unlit, a person injured by it can recover. Digging a hole or a trench in the highway and leaving it unguarded is negligence."*

Jikkwota wkoll lil Roberto Rovelli, awtur tal-ktieb "Responsabilta` Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade" (p. 445 vol. 11):

*"Cass. Civ. 6.8.65: 'Chiunque opera a contatto della collettivita` deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obbligo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avertire cittadini della preclusione al traffico della stessa ovvero dei pericoli inerenti al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente.'*

*Cass. Pen. 6.2.66: 'L'obbligo di segnalare lavori lungo le strade ha carattere rigido e dev''ssere osservato ogni volta che vi sia un'apprezzabile occupazione della strada anche da parte di soli uomini ai fini della manutenzione ordinaria o straordinaria.'*

*Cass. Pen. 3.1.66: 'L'obbligo di usare particolari cautele nel corso dei lavori incombe non soltanto su coloro che materialmente eseguono i lavori, ma anche ai preposti, dirigenti ed imprenditori i quali hanno un dovere preciso di vigilanza e di controllo.'*

Il-perit legali kkonkluda li la l-attur u lanqas il-konvenut Buttigieg ma jistghu jigu attribwiti xi tort:

L-attur kien miexi ghal triqtu meta l-karrozza ta' quddiemu resqet f'salt wiehed lejn il-lemin u f'daqqa wahda ra gebla kbira quddiemu. Waqt li mar icempel u wara li, bl-ghajnuna ta' xi nies, kien ressaq il-karrozza tieghu lejn ix-xellug, il-konvenut Buttigieg habat mal-munzell, inqaleb u baqa' sejjer bla kontroll ghal fuq il-karrozza ta' l-attur hekk kif kienet wieqfa.

Il-perit legali ssottometta li l-konvenuti Grech ghandhom tort ghaliex is-sinjali li hallew ma kinux adegwati. Mhix skuza li jghidu li dan kien hemm fis-suq dak iz-zmien. Setghu ghamlu hafna izjed minn tank wiehed b'fanal tal-pitrolju fuqu. Setghu ghamlu izjed sinjali iktar 'il boghod mill-munzel. F'mument minnhom il-konvenuti taw x'jifhmu li dak iz-zmien is-sinjali setghu gew vandalizzati. Fil-kawza "Abela vs Prim' Ministru" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Ottubru 1992, gie deciz li kien dover tal-Gvern li jara li r-rampa tkun protetta b'"safety barriers" u sinjali adegwati biex il-pubbliku jkun avzat u protett. Id-difiza li tpoggew barikati, izda dawn tnehhew minn hallelin, giet michuda ghax kien l-obbligu tal-awtoritajiet f'kull kaz li jaraw li l-ambjent kien minghajr perikolu.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti Grech sostnew li ma jistghu qatt jinzammu responsabbli ghad-danni kagunati fil-karrozza ta' l-attur mill-karrozza misjuqa mill-konvenut Buttigieg. Il-perit legali pero` jissottometti li ghall-kuntrarju huma wkoll responsabbli ghal dawn id-danni u dan peress li, ghar-ragunijiet diga` espressi, kienu negligenti u b'rizultat ta' dik in-negligenza taghhom il-konvenut Buttigieg baqa' diehel got-terrapien u sehh it-tieni incident.

Fl-eccezzjonijiet taghha l-Korporazzjoni Enemalta ssostni li ma tistax titqies responsabbli peress li x-xoghlijiet kienu fdati lill-konvenut kuntrattur Francis Grech li hija hatret bid-diligenza kollha mehtiega u tatu l-istruzzjonijiet opportuni.

Il-perit legali f'dar-rigward issottometta li kull sid irid jara li johloq sistema adegwata ta' kontrolli biex jassigura li l-mizuri li jrid jiehu kontra periklu ta' hsara jkunu effettwati. Mizuri ta' nofs qalb mhumiex accettabbli. Il-mizuri ghandhom ikunu serji, adekwati u affidabbli, fis-sens li dak

li ragonevolment seta' jsir biex jigi evitat dannu fil-fatt sar. Fic-cirkostanzi l-Korporazzjoni konvenuta kellha turi li hadet il-passi necessarji sabiex tissenjala lill-utenti tat-triq li f'dak il-post kien hemm materjal fit-triq. Billi l-Korporazzjoni ma gabet l-ebda prova li effettivament assikurat li jkun hemm sinjali bizzejjed ghal dawk li jsuqu mill-post specjalment bil-lejl, ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident flimkien mal-konvenuti Grech.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li kemm il-konvenuti Grech kif ukoll il-Korporazzjoni Enemalta ghandhom jinzammu responsabbli ghall-hsarat li garrab l-attur fil-karrozza tieghu. Il-konvenuti Grech zgur ma jistghux jezimu ruhhom mir-responsabbilta` billi jghidu li uzaw dak li kien hemm fis-suq dak iz-zmien. Jekk kienu verament ghamlu tank b'fanal marbut mieghu, l-evidenza turi li diga` dan ma kienx bizzejjed peress li l-fatt li jidher li nstab taht it-triq bil-fanal imkisser, u li ghalhekk evidentement kien gie mtajjar f'xi incident precedenti, jindika li ma kienx hemm sinjal car u adekwat u f'distanza li taghti opportunita` lis-sewwieqa li jirreagixxu (Prim'Awla, “Francis Vella vs James C. Micallef et”, 31 ta' Jannar 1994). Ghalhekk kienu certament obbligati li juzaw aktar sinjali, mhux sinjal wiehed biss, u li jibdew f'distanza aktar imbeghda. Mill-banda l-ohra l-Korporazzjoni konvenuta ghandha wkoll titqies responsabbli ghax ma tistax tistahba wara n-nuqqas ta' kompetenza tan-nies imqabbda minnha. U huwa wkoll evidenti li d-dawl provdut mill-arbli (li John Gafa` jghid li assigura ruhu li kienu mixghula) ma kienx adekwat ghal-lokalita`.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta pprezentata fl-14 ta' April 2000, saret referenza ghal klawzola f'kuntratt tax-xoghol li l-Korporazzjoni allegatament ghamlet mal-konvenut Francis Grech li timponi fuq il-kuntrattur ir-responsabbilta` ghall-prekawzjonijiet li jridu jittiehdu biex jigi evitat periklu lil terzi. Il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xiehda ta' John Gafa, foreman mal-Korporeazzjoni konvenuta, fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju 1992 fejn jirreferi ghal kuntratt li sar mal-konvenut Grech u jobbliga ruhu li jesebixxi kopja fis-seduta sussegwenti. Ghalkemm dan ix-xhud rega' gie prodott fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1993, huwa baqa' ma esebixxiex tali kuntratt, kif fl-

ebda istanza ma gie esebit f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni kuntratt li ma giex esebit.

Dwar id-danni, il-perit legali likwidahom fl-ammont ta' Lm459.68. Hawn il-Qorti ma tistax ma tosservax li jirrizulta mill-verbal tas-seduta peritali ta' l-20 ta' Marzu 1992 li meta kien qed jixhed l-attur huwa esebixxa erba' ritratti bhala Dok. JG1 sa JG4 u disa' rcevuti bhala Dok. JG5 sa JG13. Sfortunatament meta l-atti gew ritornati lill-Qorti dawn id-dokumenti ma kinux in atti izda kien hemm biss fotokopji ta' seba' rcevuti u ta' statement li jinkorpora fih id-dettalji ta' sitt ircevuti. Jidher li dan wassal biex il-perit legali erronejament jghodd il-figura ta' Lm269.84 darbtejn peress li din il-figura tikkomprendi l-ispejjez li jirrizultaw f'sitta mis-seba' rcevuti. Id-danni li qed jigu likwidati huma ghalhekk is-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| (1) | Joe Borg panel beater ………………. | Lm106.00 |
| (2) | Maurilyan garage …………………… | 44.80 |
| (3) | Paul garage autoelectrics …………… | 20.20 |
| (4) | Sambro service station ……………… | 1.34 |
| (5) | St. Mary's garage …………………… | 60.00 |
| (6) | John Galea – car hire ……………….. | 37.50 |
| (7) | Salvu Fenech ……………………….. | 26.00 |
| | ---------------- | |
| | Lm295.84 | |
| | ---------------- | |

Fl-ahharnett ghal dak li huma l-ispejjez, jirrizulta li saru diversi seduti peritali inutilment peress li l-konvenut Carmel Buttigieg ma telax jixhed u kellu jittella' finalment permezz ta' mandat ta' skorta. Fic-cirkostanzi rizultanti mill-atti se tipprovdi li hu jbati l-ispejjez tieghu.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence Ciantar nomine u Francis u Carmel Grech, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Buttigieg u ghalhekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu izda tilqaghhom fil-konfront tal-konvenuti l-ohra u:

(1) tiddikjara lill-konvenut Lawrence Ciantar nomine solidament mal-konvenuti Francis Grech u Carmel Grech responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-incident tat-12 ta' Marzu 1988 kif fuq spjegat,

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm295.84, u

(3) tikkundanna lill-konvenut Lawrence Ciantar nomine solidament mal-konvenuti Francis Grech u Carmel Grech ihallsu lill-attur din is-somma ta' Lm295.84, bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Lawrence Ciantar nomine solidament mal-konvenuti Francis Grech u Carmel Grech salv ghall-ispejjez tal-konvenut Carmel Buttigieg li jbatihom hu stess.

Onor. Imhallef David Scicluna

D/Registratur